# IL-VELU

Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta

# IL-VELU

Ħażrat Mirża Gulam Aħmad[as]
Il-Messija Mwiegħed u l-Maħdi - il-Fundatur
tal-Komunità Aħmadija Musulmana

Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta

# THE VEIL

Maltese Translation

Extracts from the Writings of the Promised Messiah and the Founder of the Ahmadiyya Muslim Community, Hazrat Mirza Ghulam Ahmad[as], taken from the book "The Essence of Islam", volume iii.

Kitba ta'

Ħażrat Mirża Gulam Aħmad (il-paċi tkun miegħu)
Il-Fundatur tal-Komunità Aħmadija Musulmana

© Islam International Publications Ltd

Tradott għall-Malti u ppubblikat f'Malta (2016)

Pubblikazzjoni ta'

Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta

Tel: +356-27342401
Mob: +356-79320139

Tel: +356-21322105
Fax: +356-27322105

Email: amjmalta@gmail.com

www.ahmadiyyamalta.org

www.ahmadiyya.org.mt

Stampa: © shutterstock.com

ISBN: 978-99957-59-10-0

بسم الله الرحمن الرحيم

F'Isem Alla, Kollu Ħniena, il-Ħanin

# IL-VELU

Illum il-velu jinsab taħt attakk, iżda l-kritiċi ma jafux li l-velu Iżlamiku ma jfissirx priġunerija; iżda aktar iservi ta' barriera li tipprova trażżan it-taħlit liberu bejn l-irġiel u n-nisa. Il-velu jipproteġihom milli jaqgħu fl-iżball.

## Il-Ħsieb wara s-Sistema tal-Velu

Persuna raġonevoli żgur tapprezza l-fatt li t-taħlit ħieles bejn l-irġiel u n-nisa u li jkunu fil-preżenza ta' xulxin jippreżenta r-riskju li dawn iċedu malajr għat-tħeġġiġ tal-emozzjonijiet tagħhom. Ġie nnutat li għal xi wħud ma fiha xejn ħażin li raġel u mara jkunu weħidhom flimkien wara bibien magħluqa. Din hija meqjusa bħala mġiba ċivilizzata. Biex jipprevjeni li jinħolqu dawn is-sitwazzjonijiet imbarazzanti, Dak li Kkrea l-Liġijiet tal-Iżlam ipprojbixxa dawn l-atti kollha għax jistgħu jkunu ta' tentazzjoni għal kulħadd.

F'sitwazzjoni bħal din fejn mara u raġel, li l-liġi ma tagħtihomx permess li jiltaqgħu, iwettqu dan privatament, ix-Xitan isir it-tielet membru tal-grupp. Immaġinaw il-ħsara li qed issir fl-Ewropa minħabba din il-libertà sfrenata. F'ċerti żoni tal-Ewropa qed jgħixu ħajja ta' promiskwità sfaċċata li hija r-riżultat aħħari ta' din it-tip ta' mentalità. Jekk inti trid issalva l-fiduċja, inti trid tħarisha. Iżda, jekk inti ma toqgħodx attent, ftakar li anki jekk in-nies ikunu apparentament dħulin, dik il-fiduċja tista' tinkiser b'mod definittiv.

F'dan ir-rigward it-tagħlim tal-Iżlam jipproteġi l-ħajja soċjali minn dawn l-imġibiet mhux permissibbli billi jżomm lill-irġiel u lin-nisa separati minn xulxin. It-taħlit liberu jwassal għal dik it-tip ta' qirda tal-ħajja tal-familja u s-suwiċidji frekwenti li saru komuni fl-Ewropa. Li xi nisa, li jappartjenu għall-familji nobbli, jaddottaw l-attitudnijiet tal-prostituti, huwa sinjal ċar ta' din it-tip ta' libertà.

[Malfużat, vol. 5, p. 33]

Is-sistema Iżlamika tal-velu ma titlobx li n-nisa jkunu maqfula qishom f'ħabs. Dak li jitlob il-Koran Imqaddes huwa li n-nisa għandhom jevitaw milli jesponu l-ġmiel tagħhom u m'għandhomx iħarsu lejn irġiel barranin. Dawk in-nisa li jkollhom joħorġu biex jaqdu dmirijiethom jistgħu jwettqu dan basta jipproteġu lilhom infushom mill-ħars tagħhom stess.

[Malfużat, vol. 1, p. 430]

Għalkemm l-Arjas jistgħu ma jaħmlux lill-Musulmani u jeħduha kontra t-tagħlim Iżlamiku, jiena nitlobhom bis-serjetà kollha biex ma jwarrbux il-velu kompletament, għax il-ħsarat b'effett ta' dan se jidhru mil-lum għal għada. Kull persuna intelliġenti taf li l-biċċa l-kbira tal-umanità hija maħkuma mix-xewqat naturali u, taħt l-influwenza tal-esseri l-aktar baxx, lanqas biss tagħti kas tal-kastig Divin. L-irġiel ma jifilħux ma jiċċassawx lejn in-nisa żgħar u sbieħ. In-nisa ma joqogħdux jaħsbuha darbtejn biex jistagħġbu lejn xi ħadd barrani. Din il-libertà sfaċċata twassal għat-tip ta' sitwazzjoni li għandna preżentement fl-Ewropa.

Meta n-nies ikunu tassew imsaffija u jkunu ħelsu mix-xewqat annimaleski tagħhom, u ma jkunux imxekkla mill-ispirtu l-ħażin, u meta jkollhom il-biża' ta' Alla f'għajnejhom, u meta jkunu verament konxji tal-kobor ta' Alla, u jġibu madwarhom bidla kbira u jżanżnu l-ħwejjeġ ta' *Taqwa*, hemmhekk biss ikollhom il-jedd li jagħmlu dak li jixtiequ; għax imbagħad ikunu qishom pedini f'idejn Alla, u sa ċertu punt, ma jibqgħux irġiel, għajnejhom ma jittendux bil-preżenza tan-nisa, u ma jkollhomx ħsibijiet ħżiena.

Iżda għeżież tiegħi, jalla Alla jiggwida lil qlubkom, għax iż-żmien mhux adatt għal dan. Jekk tilqgħu l-libertà llum, tkunu qed tiżirgħu żerriegħa velenuża

fil-kultura tagħkom. Dawn huma żminijiet diffiċli. Anki jekk ma kienx meħtieġ qabel, il-velu huwa essenzjali llum, għaliex din hija l-aħħar epoka tal-umanità, u d-dinja hija mimlija vizzji, żina u sokor. Il-qlub huma mimlija ateiżmu u nieqsa minn kull rispett lejn il-kmandamenti Divini. L-ilsna huma tant maħlula u t-tagħlim hu mimli loġika u filosofija, iżda l-qlub huma nieqsa mill-ispiritwalità. Fi żmien bħal dan tkun ħmerija li tesponi n-nagħaġ ġwejjed tiegħek għall-ħniena tal-ilpup.

[Lecture Lahore, Ruħani Khażain, vol. 20, pp. 173-174]

Ħafna nies jinsistu dwar l-adozzjoni tal-permissività bħal dik li nsibu fl-Ewropa, iżda dan mhu xejn għaqli. Din il-libertà bla kontroll tas-sessi hija l-għerq tal-immoralità kollha. Ħarsu ftit lejn is-sitwazzjoni morali f'dawk il-pajjiżi li adottaw din il-libertà. Jekk il-libertà tas-sessi għenet biex żiedet il-kastità u l-virtù tagħhom, mela aħna nistqarru bla eżitazzjoni li konna żbaljati. Iżda huwa ċar kristall li meta l-irġiel u n-nisa jkunu għadhom żgħar u jkollhom il-libertà li jitħalltu mingħajr xkiel, ir-relazzjoni tagħhom tkun f'periklu kbir. Huwa fil-fatt uman li dawn iħarsu lejn xulxin u jinħakmu minn xewqat sesswali. Bħalma hemm il-ħażen u l-vizzji minkejja l-osservanza tal-velu, immaġinaw kif tkun is-sitwazzjoni kieku jkun hemm libertà bla rażan. Ħarsu lejn l-irġiel, kemm l-imġiba tagħhom mhix xierqa! La għandhom biża'

minn Alla u lanqas fidi fil-ħajja ta' wara din id-dinja. Moħħhom biss fil-pjaċiri mondani.

Għalhekk huwa neċessarju li, qabel ma tingħata din il-libertà bħalma qegħdin jinsistu, hemm bżonn li titjieb u tissewwa l-qagħda morali tal-bniedem. Wara li l-bniedem ikun żviluppa biżżejjed kontroll fuqu nnifsu biex ikun jista' jrażżan il-passjonijiet tiegħu, hemmhekk wieħed ikun jista' jikkonsidra jekk il-velu huwiex bżonjuż jew le. Li tirsisti għal din il-libertà bla kontroll fiċ-ċirkustanzi preżenti tkun qisek qed tqiegħed in-nagħaġ għall-ħniena tal-iljuni.

Xi jdejjaq lin-nies tagħna li ma jirriflettux dwar il-konsegwenzi tal-affarijiet? Ħallihom għall-inqas jiddibattu mal-kuxjenzi tagħhom dwar jekk il-qagħda tal-irġiel tant tjiebet li n-nisa jistgħu jduru madwarhom bla velu. Il-Koran Imqaddes, li jagħti direzzjonijiet f'lokhom konsistenti max-xewqat naturali u d-dgħufijiet tal-irġiel, jadotta pożizzjoni eċċellenti f'dan ir-rigward:

"Għid lil dawk li jemmnu biex irażżnu l-ħars tagħhom u biex jipproteġu l-partijiet intimi tagħhom. Dan hu l-għemil li bis-saħħa tiegħu jiksbu s-safa..." [24:31]

It-twissija fl-Iżlam li kemm l-irġiel kif ukoll in-nisa għandhom irażżnu lilhom infushom f'ċerti affarijiet

għandha l-għan li tipproteġihom milli jiżbaljaw; il-għaliex għall-bidu l-bnedmin jinġibdu lejn il-vizzji, u mal-inqas provokazzjoni, jaqgħu bħalma persuna mġewħa taqa' hekk kif tilmaħ l-ikel bnin. Huwa d-dmir ta' kulħadd li jipproteġi lilu nnifsu.

[Malfużat, vol. 7, pp. 134-136]

## Rimedji għan-nuqqas ta' Kastità

Alla l-Omnipotenti mhux biss ħoloq tagħlim eċċellenti biex wieħed jikseb il-kastità, iżda ta wkoll ħames rimedji lill-bniedem biex jipproteġi lilu nnifsu min-nuqqas ta' kastità. Dawn huma: li wieħed irażżan lilu nnifsu milli jħares lejn nisa li jinsabu fi skala ta' projbizzjoni; li wieħed jipprova ma jismax leħinhom; li wieħed iżomm ruħu milli jisma' stejjer dwarhom; li wieħed jevita l-okkażjonijiet li jistgħu jwasslu għall-vizzji; u li wieħed jikkontrolla lilu nnifsu waqt iċ-ċelibat permezz tas-sawm, eċċ.

Nistgħu niddikjaraw biċ-ċertezza kollha li dan it-tagħlim eċċellenti bil-motivi kollha li huwa mniżżel fil-Koran Imqaddes huwa uniku għall-Iżlam. Madanakollu, irridu nżommu punt wieħed f'moħħna: minħabba li l-kundizzjoni naturali tar-raġel, li hija s-sors tal-passjonijiet tiegħu, u li minnha ma jistax

jitbiegħed ħlief b'bidla sħiħa fih innifsu, hija tali li l-passjonijiet tiegħu hemm probabbiltà li jitqanqlu meta tinqala' l-okkażjoni u l-opportunità fejn jissodisfa ruħu f'dawn il-vizzji, Alla l-Omnipotenti, għaldaqstant, ma ddiriġiniex biex inħarsu liberament lejn in-nisa barra l-kategorija pprojbita u li nikkontemplaw il-ġmiel tagħhom u nosservaw iċ-ċaqliq kollu tagħhom fiż-żfin, eċċ., iżda rridu nwettqu dan b'ħars safi. Lanqas ġejna mogħtija struzzjonijiet biex nisimgħu l-kant ta' dawn in-nisa u li noqogħdu nisimgħu l-istejjer dwar is-sbuħija tagħhom, ħlief b'intenzjoni safja.

Minflok ġejna pprojbiti b'mod pożittiv milli nħarsu lejn il-ġmiel tagħhom, kemm b'intenzjoni tajba u anki mingħajrha, jew li nisimgħu l-ilħna mużikali tagħhom, jew deskrizzjonijiet irrakkuntati dwar is-sbuħija tagħhom, kemm b'intenzjoni tajba jew anki mingħajrha. Ġejna ggwidati biex nevitaw dan kollu bħalma għandna nevitaw il-laħam imranġat, ħalli ma nitfixklux minħabba dan il-ħars ipprojbit.

Hekk kif Alla l-Omnipotenti jixtieq li għajnejna u qlubna, u dirgħajna u riġlejna u s-suxxettibilitajiet tagħna kollha jibqgħu safja, Huwa pprovdielna dan it-tagħlim eċċellenti. M'hemm l-ebda dubju li n-nuqqas ta' kontroll iwassal għall-iżbalji. Jekk inqiegħdu ħobż frisk quddiem kelb bil-ġuħ, ikun

inutli li nittamaw li dak il-kelb mhux se jagħti kas l-ikel. Bl-istess mod Alla l-Omnipotenti xtaq li l-fakultajiet umani ma jkollhom l-ebda okkażjoni ta' għemil sigriet u ma jkunux iffaċċjati b'affarijiet li jħeġġu tendenzi perikolużi.

Din hija tabilħaqq il-filosofija wara t-twissijiet Iżlamiċi dwar il-velu, u dan hu li titlob ix-Xarija. Il-Ktieb ta' Alla m'għandux l-intenzjoni li jżomm in-nisa fil-jasar bħal ħabsin. Dawn huma l-ħsibijiet ta' dawk l-injoranti li ma jagħrfux il-prinċipji tal-Iżlam. L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa li jrażżnu lill-irġiel u lin-nisa milli jħallu għajnejhom jimirħu liberament u li jesponu l-ġmiel u l-faxxinu tagħhom, għall-istess benefiċċju kemm tal-irġiel kif ukoll tan-nisa. Ftakru, li bl-Għarbi *Gaż-e-Basar* tfisser li wieħed irażżan lilu nnifsu milli jixħet imqar ħarsa mgħaġġla lejn il-lok il-ħażin, u fl-istess waqt jilmaħ affarijiet li huma permissibbli.

Mhuwiex xieraq għal persuna reliġjuża, li tixtieq iżżomm qalbha safja, li tgħolli għajnejha 'l hemm u 'l hawn mingħajr kontroll qisha annimal. Huwa neċessarju għal dik il-persuna li trawwem l-użanza ta' *Gaż-e-Basar* fil-ħajja soċjali tagħha. Din hi drawwa mbierka li bis-saħħa tagħha l-impulsi naturali tal-persuna jiġu trasferiti għal kundizzjoni morali

għolja mingħajr ma jiġu affettwati negattivament il-bżonnijiet soċjali tagħha. Din hija l-karatteristika li, fl-Iżlam, tissejjaħ *Iħsan* jew kastità.

[Islami Usul ki Philosophy, Ruħani Khażain, vol. 10, pp. 343-344]

## Attitudnijiet Estremi dwar il-Velu

In-nies adottaw attitudnijiet estremi rigward il-velu. L-Ewropa marret fl-estrem meta abolixxiet kompletament il-velu u issa xi naturalisti wkoll jixtiequ jagħmlu l-istess, filwaqt li huwa evidenti li dan il-libertinaġġ fetaħ beraħ il-bibien tal-vizzji fl-Ewropa.

Min-naħa l-oħra, xi Musulmani jmorru fl-estrem l-ieħor u lanqas iħallu lin-nisa tagħhom joħorġu minn djarhom, għalkemm ħafna drabi huwa neċessarju li dawn jivvjaġġaw jew joħorġu biex jaqdu l-bżonnijiet tagħhom. Aħna nemmnu li dawn iż-żewġ sitwazzjonijiet huma t-tnejn ħżiena.

[Malfużat, vol. 6, p. 322]

# PUBBLIKAZZJONIJIET OĦRA

- Alla fis-Seklu 21
- Is-Sawm
- Il-Velu fl-Iżlam
- Il-Mara fl-Iżlam
- It-Tislijiet Iżlamiċi
- Aspetti tat-Talb Iżlamiku
- L-Iżlam Reliġjon ta’ Paċi
- Għaliex Nemmen Fl-Iżlam?
- Festi u Ċerimonji Musulmani
- Il-Kunċett tal-Ġustizzja fl-Iżlam
- Il-Kunċett Veru tal-Ġiħad Iżlamiku
- L-Għanijiet Prinċipali tar-Reliġjon
- Il-Kriżi Dinjija u t-Triq għall-Paċi
- Il-Ħaġġ - il-Pellegrinaġġ lejn Mekka
- L-Iżlam, theddida jew sors għall-paċi?

- Il-Velu
- Żjara tal-Moskea
- Id-Dmirijiet ta' Ċittadin
- Kalifat, Paċi u Ġustizzja
- It-Trobbija Xierqa tat-Tfal
- Ġiħad - il-Kunċett Veru tal-Iżlam
- Il-Prinċipji Fundamentali tal-Iżlam
- Kif iħares l-Iżlam lejn it-Terroriżmu
- M'hemm l-ebda Sfurzar fir-Reliġjon!
- Kif Nistgħu Nkunu Meħlusin Mid-Dnub
- L-Erba' Attributi Fundamentali ta' Alla
- Il-Ħlewwa mat-Tfal tal-Qaddis Profeta[sa]
- Il-Kunċett Iżlamiku tal-Ħajja wara l-Mewt
- Il-Blasfemija u l-Qaddis Profeta Muħammad[sa]
- Ir-Relazzjoni bejn ir-Reliġjon u l-Politika fl-Iżlam

- Il-Koran Imqaddes
- Il-Messija Mwiegħed[as]
- Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa]
- Ġesù u Marija fil-Koran Imqaddes
- Xi Karatteristiċi Distinti tal-Iżlam
- Muħammad[sa] Dak li Llibera 'l-Mara
- FAQ - Mistoqsijiet Komuni dwar l-Iżlam
- Il-Perspettiva Iżlamika fuq il-Kriżi Globali
- Valuri Morali Universali, Politika u Paċi Dinjija
- Il-Konsegwenzi Qerrieda ta' Gwerra Nukleari
- It-Tagħlim Iżlamiku dwar il-Lealtà lejn in-Nazzjon
- Rispett Lejn ir-Reliġjonijiet u l-Personaġġi Qaddisa
- Diskorsi Magħżula tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa]
- Il-Musulmani Jistgħu Jintegraw fis-Soċjetajiet tal-Punent?
- The Holy Prophet Muhammad[sa] in the Eyes of non-Muslim Scholars

Illum il-velu jinsab taħt attakk, iżda l-kritiċi ma jafux li l-velu Iżlamiku ma jfissirx priġunerija; iżda aktar iservi ta' barriera li tipprova trażżan it-taħlit liberu bejn l-irġiel u n-nisa. Il-velu jipproteġihom milli jaqgħu fl-iżball.

"The Veil" in Maltese language.

www.ahmadiyya.org.mt

9 789995 759100